**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1235/2008

**tat-8 ta' Diċembru 2008**

**li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi**

(ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 537/2009 tad-19 ta' Ġunju 2009 | L 159 | 6 | 20.6.2009 |
| ►M2 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 471/2010 tal-31 ta' Mejju 2010 | L 134 | 1 | 1.6.2010 |
| ►M3 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 590/2011 tal-20 ta' Ġunju 2011 | L 161 | 9 | 21.6.2011 |
| ►M4 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1084/2011 tas-27 ta' Ottubru 2011 | L 281 | 3 | 28.10.2011 |
| ►M5 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1267/2011 tas-6 ta' Diċembru 2011 | L 324 | 9 | 7.12.2011 |
| ►M6 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 126/2012 tal-14 ta' Frar 2012 | L 41 | 5 | 15.2.2012 |
| ►M7 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 508/2012 tal-20 ta' Ġunju 2012 | L 162 | 1 | 21.6.2012 |
| ►M8 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 751/2012 tas-16 ta' Awwissu 2012 | L 222 | 5 | 18.8.2012 |
| ►M9 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 125/2013 tat-13 ta' Frar 2013 | L 43 | 1 | 14.2.2013 |
| ►M10 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013 | L 158 | 74 | 10.6.2013 |
| ►M11 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 567/2013 tat-18 ta' Ġunju 2013 | L 167 | 30 | 19.6.2013 |
| ►M12 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 586/2013 tal-20 ta' Ġunju 2013 | L 169 | 51 | 21.6.2013 |
| ►M13 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 355/2014 tat-8 ta' April 2014 | L 106 | 15 | 9.4.2014 |
| ►M14 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 442/2014 tat-30 ta' April 2014 | L 130 | 39 | 1.5.2014 |
| ►M15 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 644/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 | L 177 | 42 | 17.6.2014 |
| ►M16 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 829/2014 tat-30 ta' Lulju 2014 | L 228 | 9 | 31.7.2014 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ►M17 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1287/2014 tat-28 ta' Novembru 2014 | L 348 | 1 | 4.12.2014 |
| ►M18 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/131 tas-26 ta' Jannar 2015 | L 23 | 1 | 29.1.2015 |
| ►M19 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/931 tas-17 ta' Ġunju 2015 | L 151 | 1 | 18.6.2015 |
| ►M20 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1980 tal-4 ta' Novembru 2015 | L 289 | 6 | 5.11.2015 |
| ►M21 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2345 tal-15 ta' Diċembru 2015 | L 330 | 29 | 16.12.2015 |
| ►M22 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/459 tat-18 ta' Marzu 2016 | L 80 | 14 | 31.3.2016 |
| ►M23 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/910 tad-9 ta' Ġunju 2016 | L 153 | 23 | 10.6.2016 |
| ►M24 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1330 tat-2 ta' Awwissu 2016 | L 210 | 43 | 4.8.2016 |
| ►M25 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1842 tal-14 ta' Ottubru 2016 | L 282 | 19 | 19.10.2016 |
| ►M26 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2259 tal-15 ta' Diċembru 2016 | L 342 | 4 | 16.12.2016 |
| ►M27 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/872 tat-22 ta' Mejju 2017 | L 134 | 6 | 23.5.2017 |
| ►M28 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1473 tal-14 ta' Awwissu 2017 | L 210 | 4 | 15.8.2017 |
| ►M29 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1862 tas-16 ta' Ottubru 2017 | L 266 | 1 | 17.10.2017 |
| ►M30 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2329 tal-14 ta' Diċembru 2017 | L 333 | 29 | 15.12.2017 |
| ►M31 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/949 tat-3 ta' Lulju 2018 | L 167 | 3 | 4.7.2018 |
| ►M32 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/39 tal-10 ta' Jannar 2019 | L 9 | 106 | 11.1.2019 |
| ►M33 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/446 tad-19 ta' Marzu 2019 | L 77 | 67 | 20.3.2019 |
| ►M34 | Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/25 tat-13 ta’ Jannar 2020 | L 8 | 18 | 14.1.2020 |
| ►M35 | Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/479 tal-1 ta’ April 2020 | L 102 | 4 | 2.4.2020 |

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 324, 7.12.2011, p. 38 (590/2011)
►C2 Emendi, Ġ.U. L 28, 4.2.2015, p. 48 (1287/2014)
►C3 Emendi, Ġ.U. L 241, 17.9.2015, p. 51 (2015/131)
►C4 Emendi, Ġ.U. L 15, 22.1.2016, p. 72 (1287/2014)

▼B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1235/2008

## tat-8 ta' Diċembru 2008

## li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi

TITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORJI

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-importazzjoni ta' prodotti konformi u l-importazzjoni ta' prodotti li jipprovdu garanziji ekwivalenti kif stipulat fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

*Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

(1) "ċertifikat ta' spezzjoni": se jfisser iċ-ċertifikat ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 33(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 li jkopri konsenja waħda;

(2) "evidenza dokumentarja": se tfisser id-dokument imsemmi fl-Artikolu 68 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 ([1]) u fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, li għalih hemm stabbilit mudell fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(3) "konsenja": se tfisser kwantità ta' prodotti taħt wieħed jew aktar mill-Kodiċi ta' Nomenklatura Kombinata, koperta minn ċertifikat ta' spezzjoni wieħed, trasportata permezz tal-istess mezz u importata mill-istess pajjiż terz;

(4) "l-ewwel destinatarju": se tfisser persuna naturali jew legali kif definita fl-Artikolu 2 (d) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008;

▼M25

(5) "verifikazzjoni tal-konsenja": se tfisser il-verifikazzjoni mwettqa mill-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru fil-kuntest tal-kontrolli uffiċjali previsti fir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), li ntlaħqu r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 u ta' dan ir-Regolament, permezz ta' verifiki sistematiċi tad-dokumenti, verifiki aleatorji tal-identità u verifiki fiżiċi, fejn dan ikun xieraq skont il-valutazzjoni tar-riskju tagħha, qabel ma l-konsenja tiġi rrilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament;

([1]) ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-*welfare* tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

▼M25

(6) "awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru": se tfisser l-awtorità doganali, l-awtorità dwar is-sigurtà fl-ikel jew awtoritajiet oħrajn, nominati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, li huma responsabbli għall-verifikazzjoni tal-konsenji u għall-approvazzjoni taċ-ċertifikati ta' spezzjoni;

▼B

(7) "rapport ta' evalwazzjoni": se jfisser ir-rapport ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikoli 32(2) u 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 ippreparat permezz ta' parti terza indipendenti li tissodisfa r-rekwiżiti tal-ISO 17011 jew minn awtorità kompetenti rilevanti, li jinkludi informazzjoni dwar ir-reviżjonijiet tad-dokumenti inklużi d-deskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 4(3)(b) u 11(3)(b) ta' dan ir-Regolament, dwar il-verifiki tal-kontijiet tal-uffiċċju inklużi l-lokazzjonijiet kritiċi u dwar verifiki osservattivi tal-kontijet relatati mar-riskju mmexxija mill-pajjiżi terzi rappreżentattivi;

▼M25

(8) "prodotti tal-akkwakultura": se tfisser il-prodotti tal-akkwakultura kif iddefiniti fil-punt 34 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1];

(9) "mhux ipproċessati": se tfisser mhux ipproċessati kif użat fid-definizzjoni tal-prodotti mhux ipproċessati mogħtija fil-punt (n) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], ikunu xi jkunu l-operazzjonijiet tal-ippakkjar jew tat-tikkettar;

(10) "ipproċessati": se tfisser ipproċessati kif użat fid-definizzjoni tal-prodotti pproċessati mogħtija fil-punt (o) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, ikunu xi jkunu l-operazzjonijiet tal-ippakkjar jew tat-tikkettar;

(11) "punt tad-dħul": se tfisser il-punt tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.

▼B

TITOLU II

**IMPORTAZZJONI TA' PRODOTTI KONFORMI**

*KAPITOLU 1*

***Lista ta' korpi tal-kontroll u awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' konformità***

*Artikolu 3*

**Kumpilazzjoni u kontenut tal-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' konformità**

1. Il-Kummissjoni se tipprepara lista ta' korpi tal-kontroll u ta' awtoritajiet tal-kontroll, rikonoxxuti għall-iskop ta' konformità skond

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

▼B

l-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Il-lista hija stabbilita fl-Anness I għal dan ir-Regolament. Il-proċeduri għall-preparazzjoni u l-emendar tal-lista huma definiti fl-Artikoli 4, 16 u 17 ta' dan ir-Regolament. Il-lista se tkun disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet skond l-Artikoli 16(4) u 17 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-lista se jkun fiha l-informazzjoni kollha neċessarja dwar kull korp jew awtorità tal-kontroll biex tippermetti l-verifika ta' jekk il-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Komunità ġewx ikkontrollati minn korp jew awtorità kompetenti rikonoxxuta skond l-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u b'mod partikolari:

(a) l-isem u l-indirizz tal-korp jew l-awtorità kompetenti, inkluż l-indirizzi tal-posta elettronika u tal-Internet u n-numru tal-kodiċi tagħhom;

(b) il-pajjiżi terzi konċernati u li fihom oriġinaw il-prodotti;

(c) il-kategoriji tal-prodotti konċernati għal kull pajjiż terz;

(d) id-dewmien tal-inklużjoni fil-lista;

(e) l-indirizz tal-Internet fejn tista' tinstab il-lista ta' operaturi suġġetti għas-sistema tal-kontroll, inkluż l-istat taċ-ċertifikazzjoni tagħhom u l-kategoriji tal-prodotti konċernati, kif ukoll l-operaturi u l-prodotti kif sospiżi u li ċ-ċertifikat tagħhom ikun ġie revokat.

*Artikolu 4*

**Proċedura għat-talba għall-inklużjoni fil-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' konformità**

▼M25

1. Il-Kummissjoni għandha tqis jekk tirrikonoxxix u tinkludix korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll fil-lista prevista fl-Artikolu 3 jew le malli tirċievi talba għal dan mingħand ir-rappreżentant tal-korp tal-kontroll jew tal-awtorità tal-kontroll ikkonċernata abbażi tal-mudell ta' applikazzjoni li l-Kummissjoni tkun qegħdet għad-dispożizzjoni skont l-Artikolu 17(2). It-talbiet kompluti li jaslu qabel ►M29 il-31 ta' Ottubru 2018 ◄ biss se jitqiesu għall-preparazzjoni tal-ewwel lista.

▼B

2. It-talba tista' tiġi introdotta mill-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll stabbiliti fil-Komunità jew fil-pajjiż terz.

3. It-talba għandha tikkonsisti minn inkartament tekniku, li se jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-Kummissjoni tassigura li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32 (1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jiġu sodisfatti għall-prodotti organiċi kollha maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità, jiġifieri:

(a) deskrizzjoni ġenerika tal-attivitajiet tal-korp tal-kontroll jew tal-awtorità tal-kontroll fil-pajjiż terz konċernat, inkluża stima tan-numru ta' operaturi involuti u indikazzjoni tat-tip u l-kwantitajiet mistennija ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-pajjiż terz jew mill-pajjiżi terzi konċernati u li huma maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità taħt ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 32(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;

▼B

(b) deskrizzjoni dettaljata ta' kif it-Titoli II, III u IV tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 kif ukoll id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 ġew implimentati fil-pajjiż terz jew f'kull pajjiż terz konċernat.

(c) kopja tar-rapport ta' evalwazzjoni kif stabbilit fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007:

(i) li juri li l-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll ġiet evalwata b'mod sodisfaċenti fuq il-kapaċità tagħha biex tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;

(ii) li jagħti garanziji fuq l-elementi msemmija fl-Artikolu 27(2), (3), (5), (6) u (12) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;

(iii) li jassigura li l-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll tissodisfa r-rekwiżit tal-kontroll u l-miżuri prekawzjonali stabbiliti fit-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 889/2008; u

(iv) li jikkonferma li implimentat b'mod effettiv l-attivitajiet tal-kontroll tagħha skond dawn il-kundizzjonijiet u rekwiżiti;

(d) li turi li l-korp jew l-awtorità tal-kontroll innotifikat lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz dwar l-attivitajiet tagħha u li tirrispetta r-rekwiżiti legali imposti fuqha mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz konċernat;

(e) l-indirizz tal-websajt fejn tinstab il-lista tal-operaturi suġġetti għas-sistema tal-kontroll, kif ukoll il-kuntatt fejn hija disponibbli l-informazzjoni dwar l-istat taċ-ċertifikazzjoni, il-kategoriji tal-prodotti konċernati, kif ukoll l-operaturi u l-prodotti sospiżi u li ċ-ċertifikat tagħhom ġie revokat;

(f) impenn li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament;

(g) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa bħala rilevanti mill-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll jew mill-Kummissjoni.

4. Meta tkun qed teżamina talba għall-inklużjoni fil-lista ta' korp tal-kontroll jew ta' awtorità tal-kontroll, kif ukoll fi kwalunkwe żmien wara l-inklużjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni, inkluż il-preżentazzjoni ta' wieħed jew aktar mir-rapporti dwar eżaminazzjoni fuq il-post stabbiliti minn esperti indipendenti. Barra dan, il-Kummissjoni tista', billi tibbaża fuq il-valutazzjoni tal-impatt u fil-każ ta' suspett ta' xi irregolaritajiet, torganizza eżaminazzjoni fuq il-post minn esperti li tinnomina.

5. Il-Kummissjoni se tevalwa jekk l-inkartament tekniku msemmi fil-paragrafu 4 u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 humiex sodisfaċenti u tista' sussegwentement tiddeċiedi li tirrikonoxxi u tinkludi korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll fil-lista. Id-deċiżjoni se tittieħed skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

▼B

*Artikolu 5*

**Ġestjoni u reviżjoni tal-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' konformità**

1. Korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll tista' tiġi inkluża biss fil-lista msemmija fl-Artikolu 3 meta tissodisfa l-obbligazzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk, wara li l-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll ġiet inkluża fil-lista, isiru kwalunkwe bidliet fil-miżuri applikati mill-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll, dak il-korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll se jinnotifika lill-Kummisjoni ta' dan; talbiet biex tiġi emendata xi informazzjoni dwar il-korp jew l-awtorità tal-kontroll imsemmija fl-Artikolu 3(2) ukoll għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni;

(b) korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll inkluża fil-lista se żżomm disponibbli u tikkomunika mal-ewwel talba l-informazzjoni kollha relatata mal-attivitjiet tal-kontroll tagħha fil-pajjiż terz; se tagħti aċċess għall-uffiċċji u l-faċilitajiet tagħha lill-esperti nominati mill-Kummissjoni;

(c) sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, il-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll se tibgħat rapport annwali konċiż lill-Kummissjoni; ir-rapport annwali se jaġġorna l-informazzjoni tal-inkartament tekniku msemmi fl-Artikolu 4(3); dan se jiddeskrivi b'mod partikolari l-attivitajiet tal-kontroll li jkunu saru mill-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll fil-pajjiżi terzi matul is-sena ta' qabel, ir-riżultati miksuba, l-irregolaritajiet u l-vjolazzjonijiet osservati u l-miżuri korrettivi meħuda; barra dan se jkun fih ir-rapport ta' evalwazzjoni l-aktar reċenti jew l-aġġornament ta' tali rapport, li se jkun fih ir-riżultati tal-evalwazzjoni fuq il-post regolari, is-sorveljanza u l-evalwazzjoni mill-ġdid multiannwali msemmija fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007; il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa neċessarja;

(d) fid-dawl ta' kwalunkwe informazzjoni li tirċievi, il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe ħin temenda l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll u tista' tissospendi d-dħul ta' dak il-korp jew awtorità fil-lista msemmija fl-Artikolu 3; deċiżjoni simili tista' wkoll tittieħed fejn korp jew awtorità tal-kontroll ma' pprovdewx l-informazzjoni meħtieġa jew fejn ma aċċettawx li ssir eżaminazzjoni fuq il-post;

(e) il-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll se jqiegħed għad-disponibbiltà tal-partijiet interessati, fuq il-websajt tal-Internet, lista kontinwament aġġornata tal-operaturi u l-prodotti ċertifikati bħala organiċi.

2. Jekk korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll ma tibgħatx ir-rapport annwali, imsemmi fil-paragrafu 1(c), ma żżommx disponibbli jew ma tikkomunikax l-informazzjoni kollha relatata mal-inkartament tekniku, is-sistema tal-kontroll jew il-lista aġġornata tal-operaturi u l-prodotti ċertifkati bħala organiċi, jew ma taċċettax li ssir eżaminazzjoni fuq il-post, wara t-talba mill-Kummissjoni f'perjodu li jiġi determinat mill-Kummissjoni skond is-severità tal-problema u li ġeneralment ma jistax ikun ta' anqas minn 30 ġurnata, dak il-korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll jista' jitneħħa mil-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

Jekk korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll jonqos milli jieħu azzjoni għal rimedju xierqa u opportun, il-Kummissjoni se tneħħih mil-lista mingħajr dewmien.

▼B

*KAPITOLU 2*

***Evidenza dokumentarja meħtieġa għall-importazzjoni ta' prodotti konformi***

*Artikolu 6*

**Evidenza dokumentarja**

1. L-evidenza dokumentarja meħtieġa għall-importazzjoni ta' prodotti konformi msemmija fl-Artikolu 32(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, skond l-Artikolu 17(2) ta' dan ir-Regolament, se tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-mudell stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament u jkun fiha tal-anqas l-elementi kollha li jagħmlu parti minn dak il-mudell.

2. L-evidenza dokumentarja oriġinali se tiġi stabbilita mill-awtorità tal-kontroll jew mill-korp tal-kontroll li ġiet rikonoxxuta għall-ħruġ ta' dawk id-dokumenti permezz ta' deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 4.

3. L-awtorità jew il-korp li toħroġ l-evidenza dokumentarja se ssegwi r-regoli stabbiliti skond l-Artikolu 17(2) u fil-mudell, noti u linji gwida mqiegħda għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni permezz ta' sistema informatika li tippermetti l-iskambju elettroniku ta' dokumenti msemmija fl-Artikolu 17(1).

TITOLU III

**IMPORTAZZJONI TA' PRODOTTI LI JIPPROVDU GARANZIJI EKWIVALENTI**

*KAPITOLU 1*

***Lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti***

*Artikolu 7*

**Kumpilazzjoni u kontenut tal-lista tal-pajjiżi terzi**

1. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti skond l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Il-lista ta' pajjiżi rikonoxxuti hija stabbilita fl-Anness III għal dan ir-regolament. Il-proċedura għall-preparazzjoni u l-emendar tal-lista hija definita fl-Artikoli 8 u 16 ta' dan ir-regolament. L-emendi fil-lista għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet skond l-Artikoli 16(4) u 17 ta' dan ir-regolament.

2. Il-lista se jkun fiha l-informazzjoni kollha neċessarja dwar kull pajjiż terz biex tippermetti l-verifikazzjoni ta' jekk il-prodotti li tpoġġew fis-suq tal-Komunità ġewx suġġetti għas-sistema tal-kontroll tal-pajjiż terz rikonoxxut skond l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u b'mod partikolari:

(a) il-kategoriji tal-prodotti konċernati;

(b) l-oriġini tal-prodotti;

(c) referenza għall-istandards tal-produzzjoni applikati fil-pajjiż terz;

(d) l-awtorità kompetenti fil-pajjiż terz responsabbli għas-sistema tal-kontroll, l-indirizz tagħha inkluż l-indirizzi tal-posta elettronika u tal-Internet;

▼M25

(e) l-isem, l-indirizz, l-indirizz tal-posta elettronika, l-indirizz tal-Internet u n-numru tal-kodiċi tal-awtorità jew tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korp jew tal-korpi ta' kontroll irrikonoxxuti mill-awtorità kompetenti msemmija fil-punt (d) biex iwettqu l-kontrolli;

(f) l-isem, l-indirizz, l-indirizz tal-posta elettronika, l-indirizz tal-Internet u n-numru tal-kodiċi tal-awtorità jew tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korp jew tal-korpi ta' kontroll responsabbli fil-pajjiż terz għall-ħruġ taċ-ċertifikati għall-importazzjoni fl-Unjoni;

▼B

(g) id-dewmien tal-inklużjoni fil-lista.

*Artikolu 8*

**Proċedura għat-talba għall-inklużjoni fil-lista tal-pajjiżi terzi**

▼M14

1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk tinkludix pajjiż terz fil-lista li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 7 wara li tirċievi talba għall-inklużjoni mir-rappreżentant tal-pajjiż terz ikkonċernat, sakemm din it-talba titressaq qabel l-1 ta' Lulju 2014.

▼B

2. Il-Kummissjoni se tkun meħtieġa tikkunsidra biss talba għall-inklużjoni li tissodisfa l-pre-kundizzjonijiet li ġejjin.

It-talba għall-inklużjoni se tiġi kompletata minn inkartament tekniku, li se jkun fih l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-Kummissjoni biex tassigura li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jiġu sodisfatti għall-prodotti maħsuba biex jiġu esportati lejn il-Komunità, jiġifieri:

(a) informazzjoni ġenerali dwar l-iżvilupp tal-produzzjoni organika fil-pajjiż terz, il-prodotti li jiġu prodotti, iż-żona ta’ koltivazzjoni, ir-reġjuni tal-produzzjoni, in-numru ta’ produtturi, l-ipproċessar tal-ikel li qed isir;

(b) indikazzjoni tat-tip u l-kwantitajiet mistennija ta’ prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel organiċi maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità;

(c) l-istandards tal-produzzjoni applikati fil-pajjiż terz kif ukoll evalwazzjoni tal-ekwivalenza tal-istandards applikati fil-Komunità;

(d) is-sistema ta’ kontroll applikata fil-pajjiż terz inkluż l-attivitajiet ta’ monitoraġġ u superviżjoni li jsiru mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż terz, kif ukoll evalwazzjoni tal-effettività meta paragunata mas-sistema tal-kontroll applikata fil-Komunità;

(e) l-indirizz tal-Internet jew indirizzi oħra ta’ fejn tinstab il-lista ta’ operaturi suġġetti għas-sistema ta’ kontroll, kif ukoll il-kuntatt ta’ fejn hija disponibbli l-informazzjoni dwar l-istat ta’ ċertifikazzjoni u l-kategoriji tal-prodotti konċernati;

(f) l-informazzjoni li l-pajjiż terz qed jipproponi li tiġi inkluża fil-lista msemmija fl-Artikolu 7;

(h) impenn ta’ konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9;

▼B

(i) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa rilevanti minn pajjiż terz jew mill-Kummissjoni.

3. Meta qed teżamina talba għall-inklużjoni fil-lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti, kif ukoll kwalunkwe żmien wara l-inklużjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' titlob kwanlunkwe informazzjoni oħra, inkluż il-preżentazzjoni ta' wieħed jew aktar rapporti ta' eżaminazzjoni fuq il-post minn esperti indipendenti. Barra dan, il-Kummissjoni tista', fuq bażi tal-valutazzjoni tal-impatt u fil-każ ta' suspett ta' xi irregolaritajiet, torganizza eżaminazzjoni fuq il-post minn esperti li tinnomina.

▼M9

Esperti minn pajjiżi terzi oħra rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni biex jattendu għall-eżaminazzjoni fuq il-post bħala osservaturi.

▼M7

4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk id-dossier tekniku msemmi fil-paragrafu 2 u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 humiex sodisfaċenti u tista' sussegwentement tiddeċiedi li tirrikonoxxi u tinkludi pajjiż terz fil-lista għal perjodu ta' tliet snin. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u dan ir-Regolament jkomplu jiġu ssodisfati, hija tista' tiddeċiedi li testendi l-inklużjoni tal-pajjiż terz wara dak il-perjodu ta' tliet snin.

Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jittieħdu skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

▼B

*Artikolu 9*

**Ġestjoni u reviżjoni tal-lista tal-pajjiżi terzi**

1. Il-Kummissjoni se tkun meħtieġa tikkunsidra biss talba għall-inklużjoni meta l-pajjiż terz jimpenja ruħu li jaċċetta l-kundizzjonijiet li ġejjin:

▼M25

(a) jekk, wara li pajjiż terz jiġi inkluż fil-lista, issir xi bidla fil-miżuri fis-seħħ fil-pajjiż terz jew fl-implimentazzjoni tagħhom u b'mod partikulari fis-sistema tal-kontroll tiegħu, dak il-pajjiż terz għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa mingħajr dewmien b'kull bidla li ssir fl-informazzjoni msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 7(2) permezz tas-sistema tal-kompjuter imsemmija fl-Artikolu 94(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008;

▼B

(b) ir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 se jaġġorna l-informazzjoni tal-inkartament tekniku msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament; se jiddeskrivi b'mod partikolari l-attivitajiet ta' monitoraġġ u superviżjoni li jsiru mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, ir-riżultati miksuba u l-miżuri korrettivi li ttieħdu;

(c) fid-dawl ta' kwalunkwe informazzjoni li tirċievi, il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe żmien temenda l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-pajjiż terz u tista' tissospendi d-dħul tal-pajjiż mil-lista msemmija fl-Artikolu 7; deċiżjoni simili tista' wkoll issir fejn pajjiż terz ma pprovdiex l-informazzjoni meħtieġa jew fejn ma aċċettax eżaminazzjoni fuq il-post.

▼B

2. Jekk pajjiż terz ma jibgħatx ir-rapport annwali, imsemmi fl-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, ma jżommx disponibbli jew ma jikkomunikax l-informazzjoni kollha relatata mal-inkartament tekniku jew is-sistema tal-kontroll tiegħu jew ma jaċċettax eżaminazzjoni fuq il-post, wara talba mill-Kummissjoni tul perjodu li l-Kummissjoni se tiddetermina skond is-severità tal-problema u li ġeneralment ma jistax ikun anqas minn 30 ġurnata, dak il-pajjiż terz jista' jitneħħa mil-lista, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

*KAPITOLU 2*

***Lista ta' korpi tal-kontroll u ta' awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' ekwivalenza***

*Artikolu 10*

**Kumpilazzjoni u kontenut tal-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' ekwivalenza**

1. Il-Kummissjoni se tipprepara lista ta' korpi tal-kontroll u awtoritajiet tal-kontroll, rikonoxxuti għall-iskop ta' ekwivalenza skond l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Il-lista se tiġi pubblikata fl-Anness IV għal dan ir-Regolament. Il-proċeduri għall-preparazzjoni u l-emendar tal-lista huma definiti fl-Artikoli 11, 16 u 17 ta' dan ir-Regolament. Il-lista għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet skond l-Artikoli 16(4) u 17 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-lista se jkun fiha l-informazzjoni kollha neċessarja dwar kull korp jew awtorità tal-kontroll biex tippermetti l-verifikazzjoni ta' jekk il-prodotti mpoġġija fis-suq tal-Komunità ġewx ikkontrollati minn korp jew awtorità tal-kontroll rikonoxxut skond l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u b'mod partikolari:

(a) l-isem u l-indirizz tal-korp jew l-awtorità tal-kontroll, inkluż, fejn xieraq, l-indirizzi tal-posta elettronika u tal-Internet;

(b) il-pajjiżi terzi mhux elenkati fil-lista li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 7 fejn il-prodotti oriġinaw;

(c) il-kategoriji tal-prodotti konċernati għal kull pajjiż terz;

(d) id-dewmien tal-inklużjoni fil-lista;

▼M12

(e) il-websajt tal-Internet fejn tinsab il-lista aġġornata tal-operaturi suġġetti għas-sistema ta' kontroll, li tindika l-istatus ta' ċertifikazzjoni tagħhom u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati kif ukoll punt ta' kuntatt fejn hija disponibbli l-informazzjoni dwar operaturi u prodotti sospiżi u li kellhom iċ-ċertifikati tagħhom revokati; u

(f) il-websajt tal-Internet fejn jinsabu preżentazzjoni kompluta tal-istandard tal-produzzjoni u l-miżuri ta' kontroll applikati mill-korp tal-kontroll jew mill-awtorità tal-kontroll f'pajjiż terz.

▼M25

3. B'deroga mill-paragrafu 2(b), dawk il-prodotti li ġejjin minn pajjiż terz irrikonoxxut elenkat skont l-Artikolu 7 iżda li mhumiex koperti mir-rikonoxximent mogħti lil dak il-pajjiż terz jistgħu jiddaħħlu fil-lista prevista f'dan l-Artikolu.

▼B

*Artikolu 11*

**Proċedura għat-talba ta' inklużjoni fil-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' ekwivalenza**

▼M34

1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk għandhiex tinkludi korp ta' kontroll jew awtorità ta' kontroll fil-lista pprovduta fl-Artikolu 10 malli tirċievi talba għall-inklużjoni minn rappreżentant tal-korp ta' kontroll jew tal-awtorità ta' kontroll ikkonċernati fuq il-bażi tal-mudell ta' applikazzjoni disponibbli mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2). Għall-aġġornament tal-lista, għandhom jitqiesu biss dawk it-talbiet kompluti li jkunu ġew ippreżentati sat-30 ta' Ġunju 2020.

▼B

2. It-talba tista' tiġi introdotta mill-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll stabbiliti fil-Komunità jew f'pajjiż terz.

3. It-talba għall-inklużjoni se tikkonsisti minn inkartament tekniku, li se jkun fih l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-Kummissjoni biex tassigura li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jiġu sodisfatti għall-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità, jiġifieri:

(a) deskrizzjoni ġenerika tal-attivitajiet tal-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll fil-pajjiż terz jew il-pajjiżi terzi, inkluż stima tan-numru ta' operaturi involuti u t-tip u l-kwantitajiet mistennija ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità taħt ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 33(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;

(b) deskrizzjoni tal-istandards tal-produzzjoni u tal-miżuri tal-kontroll applikati fil-pajjiżi terzi, inkluż stima tal-ekwivalenza ta' dawn l-istandards u l-miżuri bit-Titoli III, IV u V tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 kif ukoll mar-regoli ta' implimentazzjoni assoċjati stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 889/2008;

(c) kopja tar-rapport ta' evalwazzjoni kif stabbilit fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007:

(i) li juri li l-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll ġiet evalwata b'mod sodisfaċenti fuq il-kapaċità tagħha biex tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 33(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;

(ii) li jikkonferma li implimenta b'mod effettiv l-attivitajiet tiegħu skond dawk il-kundizzjonijiet; u

(iii) li juri u jikkonferma l-ekwivalenza tal-istandards tal-produzzjoni u l-miżuri tal-kontroll imsemmija fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu;

(d) juri li l-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll innotifikat l-attivitajiet tagħha lill-awtoritajiet ta' kull wieħed mill-pajjiżi terzi konċernati u l-impenn tiegħu li jirrispetta r-rekwiżiti legali imposti fuqu mill-awtoritajiet ta' kull wieħed mill-pajjiżi terzi konċernati;

▼B

(e) il-websajt tal-Internet fejn tinstab il-lista tal-operaturi suġġetti għas-sistema tal-kontroll, kif ukoll il-kuntatt fejn hija disponibbli l-informazzjoni dwar l-istat ta' ċertifikazzjoni tagħhom, il-kategoriji tal-prodotti konċernati, kif ukoll l-operaturi u l-prodotti sospiżi jew li kellhom iċ-ċertifkat revokat;

(f) impenn li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12;

(g) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa rilevanti mill-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll jew mill-Kummissjoni.

4. Meta qed teżamina talba għall-inklużjoni fil-lista ta' korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll, u wkoll fi kwalunkwe żmien wara l-inklużjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' titlob aktar informazzjoni, inkluż il-preżentazzjoni ta' wieħed jew aktar rapporti ta' eżaminazzjoni fuq il-post stabbiliti minn espert indipendenti. Barra dan, il-Kummissjoni tista' torganizza eżaminazzjoni fuq il-post minn esperti li tinnomina fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju u fil-każ ta' suspett ta' xi irregolaritajiet.

5. Il-Kummissjoni se tevalwa jekk l-inkartament tekniku msemmi fil-paragrafu 2 u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 humiex sodisfaċenti u tista' sussegwentament tiddeċiedi li tirrikonoxxi u tinkludi korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll fil-lista. Id-deċiżjoni tista' tittieħed skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

*Artikolu 12*

**Ġestjoni u reviżjoni tal-lista tal-korpi tal-kontroll u tal-awtoritajiet tal-kontroll għall-iskop ta' ekwivalenza**

1. Korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll jista' jiġi inkluż fil-lista msemmija fl-Artikolu 10 meta jissodisfa l-obbligi li ġejjin:

(a) jekk, wara li korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll jiġi inkluż fil-lista, isiru kwalunkwe bidliet fil-miżuri applikati mill-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll, dak il-korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll se jinnotifika lill-Kummissjoni ta' dan; talbiet għall-emendar tal-informazzjoni dwar korp jew awtorità tal-kontroll msemmija fl-Artikolu 10(2), se jiġu notifikati lill-Kummissjoni.

(b) ►M12 sat-28 ta' Frar ◄ ta' kull sena, il-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll se jibgħat rapport annwali konċiż lill-Kummissjoni; ir-rapport annwali se jaġġorna l-informazzjoni tal-inkartament tekniku msemmi fl-Artikolu 4(3); dan se jiddeskrivi b'mod partikolari l-attivitajiet tal-kontroll li jkunu saru mill-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll fil-pajjiżi terzi matul is-sena ta' qabel, ir-riżultati miksuba, l-irregolaritajiet u l-vjolazzjonijiet osservati u l-miżuri korrettivi meħuda; barra dan se jkun fih ir-rapport ta' evalwazzjoni l-aktar reċenti jew se jaġġorna t-tali rapport, li se jkun fih ir-riżultati tal-evalwazzjoni fuq il-post regolari, is-sorveljanza u l-evalwazzjoni mill-ġdid multiannwali msemmija fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007; il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa neċessarja.

(c) fid-dawl ta' kwalunkwe informazzjoni li tirċievi, il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe żmien temenda l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll u tista' tissospendi d-dħul ta' dak il-korp jew awtorità fil-lista msemmija fl-Artikolu 10;

▼B

deċiżjoni simili tista' wkoll tittieħed fejn korp jew awtorità tal-kontroll ma' pprovdietx l-informazzjoni meħtieġa jew fejn ma aċċettatx eżaminazzjoni fuq il-post.

(d) il-korp tal-kontroll jew l-awtorità tal-kontroll se jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati, permezz ta' mezzi elettroniċi, lista kontinwament aġġornata tal-operaturi, u tal-prodotti ċertifikati bħala organiċi.

▼M5

2. Skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll, jew referenza għal kategorija speċifika ta' prodotti jew għal pajjiż terz speċifiku b'rabta ma' dak il-korp tal-kontroll jew ma' dik l-awtorità tal-kontroll, jistgħu jiġu rtirati mil-lista msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk ir-rapport annwali tagħhom imsemmi fil-paragrafu 1(b) ma jkunx wasal għand il-Kummissjoni ►M12 sat-28 ta' Frar ◄;

(b) jekk huma ma jinnotifikawx lill-Kummissjoni fil-ħin dwar il-bidliet fid-dossier tekniku tagħhom;

(c) jekk ma jipprovdux informazzjoni lill-Kummissjoni matul l-investigazzjonijiet ta' każ ta' irregolarità;

(d) jekk jonqsu milli jieħdu miżuri korrettivi adegwati bi tweġiba għall-irregolaritajiet u l-ksur osservati;

(e) jekk ma jaqblux ma' eżami fuq il-post mitlub mill-Kummissjoni, jew jekk eżami fuq il-post iwassal għal riżultat negattiv minħabba nuqqas ta' funzjonament sistematiku tal-miżuri ta' kontroll;

(f) fi kwalunkwe sitwazzjoni li tippreżenta r-riskju għall-konsumaturi li huma jiġu mqarrqa dwar in-natura vera tal-prodotti ċċertifikati mill-korp tal-kontroll jew mill-awtorità tal-kontroll.

Jekk korp tal-kontroll jew awtorità tal-kontroll jonqsu milli jieħdu azzjoni korrettiva xierqa u f'waqtha wara talba mill-Kummissjoni f'perjodu li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni skont is-severità tal-problema u li ġeneralment ma jistax ikun ta' inqas minn 30 ġurnata, il-Kummissjoni għandha tirtirahom mil-lista mingħajr dewmien skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Dik id-deċiżjoni ta' rtirar għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed il-lista emendata mill-aktar fis possibbli għad-dispożizzjoni tal-pubbliku bi kwalunkwe mezz tekniku xieraq, inkluż il-pubblikazzjoni fuq l-Internet.

▼B

*KAPITOLU 3*

***Ħruġ għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' prodotti importati skond l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007***

▼M25

*Artikolu 13*

**Ċertifikat ta' spezzjoni**

1. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni ta' konsenja ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 u importata skont l-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament se jsir bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

▼M25

(a) li jiġi ppreżentat ċertifikat oriġinali ta' spezzjoni lill-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru;

(b) li l-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru tivverifika l-konsenja u tapprova ċ-ċertifikat tal-ispezzjoni; u

(c) li n-numru taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni jkun iddikjarat fid-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera msemmija fl-Artikolu 158(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Il-verifikazzjoni tal-konsenja u l-approvazzjoni taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni għandha twettaqhom l-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru f'dak l-Istat Membru fejn il-konsenja tiġi rrilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-punti tad-dħul fit-territorju tagħhom u jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-punti magħżulin tad-dħul.

2. ►M34 Iċ-ċertifikat ta' spezzjoni għandu jinħareġ mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll rilevanti qabel ma l-kunsinna titlaq mill-pajjiż terz ta' esportazzjoni jew ta' oriġini. Iċ-ċertifikat għandu jkun approvat mill-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru, u għandu jimtela mill-ewwel destinatarju abbażi tal-mudell u tan-noti stabbiliti fl-Anness V u bl-użu tas-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti veterinarji (TRACES) stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE ([2]). ◄

▼M33

Iċ-ċertifikat oriġinali ta' spezzjoni għandu jkun kopja stampata u ffirmata bl-idejn taċ-ċertifikat elettroniku komplut fit-TRACES jew, alternattivament, ċertifikat ta' spezzjoni ffirmat fit-TRACES b'siġill elettroniku kwalifikat skont it-tifsira tal-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

▼M25

Meta ċ-ċertifikat oriġinali ta' spezzjoni jkun kopja stampata u ffirmata bl-idejn taċ-ċertifikat elettroniku komplut fis-sistema TRACES, l-awtoritajiet ta' kontroll, il-korpi ta' kontroll, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istat Membru u l-ewwel destinatarju għandhom jivverifikaw f'kull stadju tal-ħruġ, tal-approvazzjoni u tal-wasla taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni li din il-kopja tkun tikkorrispondi mal-informazzjoni mogħtija fis-sistema TRACES. ►M35 Fin-nuqqas ta' kopja stampata iffirmata bl-idejn taċ-ċertifikat ta' spezzjoni tal-informazzjoni relatata mad-dokumenti tat-trasport fil-kaxxi 16 u 17, u l-oqsma relevanti tal-kaxxa 13, jew fejn tali informazzjoni hija differenti minn dik disponibbli fi TRACES, l-awtoritajiet kompetenti relevanti tal-Istat Membru u l-ewwel destinatarju, għall-iskop ta' verifikazzjoni u ta' approvazzjoni taċ-ċertifikat ta' spezzjoni, għandhom jikkunsidraw biss l-informazzjoni disponibbli fi TRACES. ◄

3. Sabiex ċertifikat ta' spezzjoni jiġi aċċettat għall-approvazzjoni jrid ikun inħareġ mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll tal-produttur jew tal-proċessur tal-prodott ikkonċernat jew, meta l-operatur li jkun qed iwettaq l-aħħar operazzjoni għall-finijiet tal-preparazzjoni jkun differenti mill-produttur jew mill-proċessur tal-prodott, mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll tal-operatur li jkun qed iwettaq l-aħħar operazzjoni għall-finijiet tal-preparazzjoni kif iddefinita fl-Artikolu 2(i) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.

---

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE tat-30 ta' Diċembru 2002 li tirrigwarda l-iżvilupp ta' sistema veterinarja integrata u kompjuterizzata (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 44).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

▼M25

Dik l-awtorità ta' kontroll jew dak il-korp ta' kontroll għandhom ikunu:

(a) awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll elenkat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament għall-prodotti kkonċernati u għall-pajjiż terz li fih oriġinaw il-prodotti jew li fih saret l-aħħar operazzjoni għall-finijiet tal-preparazzjoni, fejn dan ikun applikabbli; jew

(b) awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll elenkat fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament għall-prodotti kkonċernati u għall-pajjiż terz li fih oriġinaw il-prodotti jew li fih saret l-aħħar operazzjoni għall-finijiet tal-preparazzjoni.

4. ►M35 L-awtorità ta’ kontroll jew il-korp ta’ kontroll li joħroġ iċ-ċertifikat ta’ spezzjoni għandu joħroġ biss iċ-ċertifikat ta’ spezzjoni u jiffirma d-dikjarazzjoni fil-kaxxa 18 taċ-ċertifikat wara li jkun wettaq verifika tad-dokumenti abbażi tad-dokumenti rilevanti kollha ta’ spezzjoni, inkluż b’mod partikolari l-pjan ta’ produzzjoni għall-prodott ikkonċernat, id-dokumenti kummerċjali u, kif xieraq skont il-valutazzjoni tar-riskju tiegħu, dan ikun wettaq verifika fiżika tal-konsenja. L-informazzjoni relatata mad-dokumenti tat-trasport fil-kaxxa 13, b’mod partikolari n-numru ta’ pakketti u l-piż nett, u l-informazzjoni fil-kaxxi 16 u 17 taċ-ċertifikat ta’ spezzjoni li tikkonċerna l-mezzi tat-trasport u d-dokumenti tat-trasport għandhom jiġu inklużi fiċ-ċertifikat ta’ spezzjoni fi żmien massimu ta’ 10 ijiem mill-ħruġ taċ-ċertifikat u, fi kwalunkwe każ, qabel l-approvazzjoni taċ-ċertifikat ta’ spezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istat Membru. ◄

Madankollu, għall-prodotti pproċessati, jekk l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll li jkun qed joħroġ iċ-ċertifikat ta' spezzjoni jkun awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll elenkat fl-Anness III, huwa għandu joħroġ iċ-ċertifikat tal-ispezzjoni u jiffirma d-dikjarazzjoni fil-kaxxa 18 taċ-ċertifikat biss wara li jkun ivverifika li l-ingredjenti organiċi kollha tal-prodott kienu ġew ikkontrollati u ċċertifikati minn awtorità ta' kontroll jew minn korp ta' kontroll irrikonoxxut mill-pajjiż terz ikkonċernat elenkat f'dak l-Anness, jew jekk l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll li jkun qed joħroġ iċ-ċertifikat ikun awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll elenkat fl-Anness IV, huwa għandu joħroġ iċ-ċertifikat tal-ispezzjoni u jiffirma d-dikjarazzjoni fil-kaxxa 18 taċ-ċertifikat biss wara li jkun ivverifika li l-ingredjenti organiċi kollha ta' dawn il-prodotti jkunu ġew ikkontrollati u ċċertifikati minn awtorità ta' kontroll jew minn korp ta' kontroll elenkat fl-Anness III jew IV jew li dawn ġew prodotti u ċċertifikati fl-Unjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.

Meta l-operatur li jkun qed iwettaq l-aħħar operazzjoni għall-finijiet tal-preparazzjoni jkun differenti mill-produttur jew mill-proċessur tal-prodott, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll li jkun qed joħroġ iċ-ċertifikat ta' spezzjoni u li jkun elenkat fl-Anness IV għandu joħroġ iċ-ċertifikat tal-ispezzjoni u jiffirma d-dikjarazzjoni fil-kaxxa 18 taċ-ċertifikat biss wara li jkun għamel verifika tad-dokumenti abbażi tad-dokumenti kollha rilevanti tal-ispezzjoni, fosthom id-dokumenti tat-trasport u d-dokumenti kummerċjali, wara li jkun ivverifika li l-produzzjoni jew l-ipproċessar tal-prodott ikkonċernat ikun ġie kkontrollat u ċċertifikat minn korp ta' kontroll jew minn awtorità ta' kontroll irrikonoxxuta għall-prodotti kkonċernati u għall-pajjiż ikkonċernat skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, u wara li jkun wettaq verifika fiżika tal-konsenja, fejn dan ikun xieraq skont il-valutazzjoni tar-riskju tiegħu.

Fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll li jkun qed joħroġ iċ-ċertifikat tal-ispezzjoni skont it-tieni u t-tielet subparagrafu għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni mingħajr dewmien il-lista tal-operaturi kollha fil-katina tal-produzzjoni organika u tal-awtoritajiet ta' kontroll jew tal-korpi ta' kontroll li dawk l-operaturi jkunu qiegħdu l-operazzjonijiet tagħhom taħt il-kontroll tagħhom.

▼M25

5. Se jkun hemm kopja oriġinali waħda taċ-ċertifikat ta' spezzjoni.

L-ewwel destinatarju jew, fejn ikun rilevanti, l-importatur, jista' jagħmel kopja taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni biex jinforma lill-awtoritajiet ta' kontroll u lill-korpi ta' kontroll skont l-Artikolu 83 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008. Kull kopja ta' dan it-tip se jkollha l-kelma "KOPJA" stampata fuqha.

6. Mal-verifikazzjoni ta' konsenja, l-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru għandha tapprova ċ-ċertifikat oriġinali tal-ispezzjoni fil-kaxxa 20 u għandha tibagħtu lura lill-persuna li tkun bagħtitu.

7. Malli jirċievi l-konsenja, l-ewwel destinatarju għandu jimla l-kaxxa 21 taċ-ċertifikat ta' spezzjoni biex jiċċertifika li l-konsenja jkun irċeviha skont l-Artikolu 34 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008.

Imbagħad l-ewwel destinatarju għandu jibgħat iċ-ċertifikat oriġinali lill-importatur imsemmi fil-kaxxa 11 taċ-ċertifikat għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.

*Article 13a*

**Forza maġġuri jew ċirkustanzi eċċezzjonali**

1. F'każijiet ta' forza maġġuri jew ta' ċirkustanzi eċċezzjonali li ma jħallux is-sistema elettronika taħdem, u b'mod partikulari f'każijiet fejn is-sistema ma taħdimx sewwa jew fejn ma jkunx hemm konnessjoni dejjiema, iċ-ċertifikati tal-ispezzjoni u l-estratti tagħhom jistgħu jinħarġu u jiġu approvati skont l-Artikolu 13(3) sa (7) mingħajr ma tintuża s-sistema TRACES skont il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu u abbażi tal-mudelli u tan-noti stabbiliti fl-Anness V jew VI. L-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' kontroll, il-korpi ta' kontroll u l-operaturi għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien u għandhom idaħħlu d-dettalji kollha meħtieġa fis-sistema TRACES fi żmien għaxart ijiem tal-kalendarju minn meta s-sistema terġa' tibda taħdem.

2. Meta ċ-ċertifikat ta' spezzjoni jinħareġ mingħajr ma tintuża s-sistema TRACES, għandu jsir f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni u jimtela kollu kemm hu b'ittri kapitali jew b'ittri stampati, minbarra t-timbri u l-firem.

Iċ-ċertifikat ta' spezzjoni għandu jkun fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-approvazzjoni jew f'waħda minnhom. Fejn ikun hemm bżonn, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istat Membru jistgħu jitolbu għal traduzzjoni taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni fil-lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat Membru jew f'waħda minnhom.

Il-bidliet jew it-tħassir mhux iċċertifikat jinvalidaw iċ-ċertifikat.

3. L-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll li jkun qed joħroġ iċ-ċertifikat ta' spezzjoni għandu jagħti numru tas-serje lil kull ċertifikat maħruġ u jżomm reġistru taċ-ċertifikati maħruġin f'ordni kronoloġika u jagħmel il-korrispondenza wara bin-numru tas-serje mogħti mis-sistema TRACES.

4. Meta ċ-ċertifikat ta' spezzjoni jkun inħareġ u jkun ġie approvat mingħajr l-użu tas-sistema TRACES, ma għandhomx japplikaw it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 15(1) u tal-Artikolu 15(5).

*Artikolu 13b*

**L-importatur**

L-importatur għandu jikteb in-numru taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni fid-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera msemmija fl-Artikolu 158(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

▼M25

*Artikolu 13c*

**Id-drittijiet ta' aċċess**

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-għoti tad-drittijiet ta' aċċess għas-sistema TRACES lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 2(n) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz irrikonoxxut skont l-Artikolu 33(2) ta' dak ir-Regolament u lill-awtoritajiet ta' kontroll u lill-korpi ta' kontroll elenkati fl-Anness III jew IV ta' dan ir-Regolament, u għall-aġġornament ta' dawk id-drittijiet. Qabel ma tagħti d-drittijiet ta' aċċess għas-sistema TRACES, il-Kummissjoni għandha tivverifika l-identità tal-awtoritajiet kompetenti, tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll ikkonċernati.

L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 2(n) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 għandhom ikunu responsabbli għall-għoti tad-drittijiet ta' aċċess għas-sistema TRACES lill-operaturi, lill-awtoritajiet ta' kontroll u lill-korpi ta' kontroll fl-Unjoni, u għall-aġġornament ta' dawk id-drittijiet. Qabel ma jagħtu d-drittijiet ta' aċċess għas-sistema TRACES, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw l-identità tal-operaturi, tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll ikkonċernati. L-Istati Membri għandhom jagħżlu awtorità waħda li tkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni u tal-kuntatti mal-Kummissjoni f'dan il-qasam.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom javżaw lill-Kummissjoni bid-drittijiet tal-aċċess mogħtija. Il-Kummissjoni għandha tattiva dawk id-drittijiet ta' aċċess fis-sistema TRACES.

*Artikolu 13d*

**Integrità u leġġibbiltà tal-informazzjoni**

Is-sistema TRACES għandha tħares l-integrità tal-informazzjoni mdaħħla fiha skont dan ir-Regolament.

B'mod partikulari, hija għandha toffri l-garanziji li ġejjin:

(a) hija għandha tippermetti lil kull utent ikun identifikat b'mod ċar, u għandha tinkorpora miżuri effettivi ta' kontroll tad-drittijiet tal-aċċess sabiex ikun hemm ħarsien mill-aċċess illegali, malizzjuż jew mhux awtorizzat għall-informazzjoni, għall-fajls u għall-meta-dejta jew mit-tħassir, mill-bdil jew miċ-ċaqliq illegali, malizzjuż jew mhux awtorizzat tagħhom;

(b) hija għandha tkun mgħammra b'sistemi fiżiċi ta' protezzjoni kontra l-indħil u l-inċidenti ambjentali, kif ukoll b'softwer ta' protezzjoni kontra l-attakki ċibernetiċi;

(c) hija għandha tissalvagwardja d-dejta maħżuna f'ambjent li jkun sigur kemm mil-lat fiżiku kif ukoll mil-lat tas-softwer;

(d) hija għandha tipprevjeni, b'diversi mezzi, kull tibdil mhux awtorizzat u tinkorpora mekkaniżmi tal-integrità sabiex tiċċekkja jekk l-informazzjoni tkunx inbidlet maż-żmien;

(e) hija għandha żżomm rekord tal-awditjar għal kull stadju essenzjali tal-proċedura;

(f) hija għandha tipprovdi proċeduri affidabbli għall-konverżjoni u għall-migrazzjoni tal-format sabiex tiżgura li l-informazzjoni tkun aċċessibbli u leġġibbli matul il-perjodu kollu meħtieġ tal-ħżin;

(g) hija għandu jkollha dokumentazzjoni funzjonali u teknika aġġornata u ddettaljata biżżejjed dwar l-operat u l-karatteristiċi tagħha, li l-entitajiet organizzattivi responsabbli għall-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u/jew tekniċi tagħha jkollhom aċċess għaliha f'kull waqt.

▼B

*Artikolu 14*

**Proċeduri speċjali tad-dwana**

▼M25

1. Meta konsenja li tkun ġejja minn pajjiż terz titqiegħed taħt proċedura ta' ħażna doganali jew taħt proċedura ta' pproċessar attiv kif previst fir-Regolament (UE) Nru 952/2013, u tkun suġġetta għal preparazzjoni waħda jew aktar kif imsemmi fit-tieni subparagrafu, l-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru għandha tivverifika l-konsenja kif imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament qabel ma ssir l-ewwel preparazzjoni. In-numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni doganali li bih l-oġġetti jkunu ġew iddikjarati għall-proċedura ta' ħażna doganali jew għall-proċedura ta' pproċessar attiv għandu jingħata fil-kaxxa 19 taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni.

Il-preparazzjoni għandha tkun limitata għat-tipi ta' operazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ippakkjar jew l-ippakkjar mill-ġdid; jew

(b) it-tikkettar dwar il-preżentazzjoni tal-metodu tal-produzzjoni organiku.

Wara din il-preparazzjoni, il-konsenja għandha tkun suġġetta għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament qabel ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.

Wara din il-proċedura, fejn ikun rilevanti, iċ-ċertifikat oriġinali tal-ispezzjoni għandu jintbagħat lura lill-importatur tal-konsenja msemmi fil-kaxxa 11 taċ-ċertifikat għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.

▼B

2. Fejn, taħt proċedura sospensiva tad-dwana skond ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92, konsenja minn pajjiż terz hija maħsuba biex tiġi sottomessa fi Stat Membru, qabel ir-rilaxx tagħha għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità, għal taqsim tagħha f'konsenji differenti, il-konsenja se tiġi suġġetta, qabel ma jsir it-taqsim, għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament.

▼M25

Għal kull wieħed mil-lottijiet li jirriżulta mit-taqsim, l-importatur imsemmi fil-kaxxa 11 taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni għandu jibgħat estratt taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni lill-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru permezz tas-sistema TRACES skont il-mudell u n-noti stabbiliti fl-Anness VI. Wara l-verifikazzjoni tal-lott, l-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru għandha tapprova l-estratt taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni fil-kaxxa 13 għall-finijiet tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Il-verifikazzjoni tal-lott u l-approvazzjoni tal-estratt taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni għandha twettaqhom l-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru f'dak l-Istat Membru fejn il-lott tiġi rrilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni.

▼B

Kopja ta' kull estratt endorsjat miċ-ċertifikat ta' spezzjoni se tinżamm flimkien maċ-ċertifikat ta' spezzjoni oriġinali mill-persuna identifikata bħala l-importatur oriġinali tal-konsenja u msemmija fil-kaxxa 11 taċ-ċertifikat ta' spezzjoni. Din il-kopja se ġġorr l-indikazzjoni "KOPJA" jew "DUPLIKAT" stampat fuqha.

▼M25

__________

▼M27

Malli jirċievi l-konsenja, id-destinatarju tal-konsenja, se jimla l-oriġinal tal-estratt taċ-ċertifikat ta' spezzjoni fil-kaxxa 14, sabiex jiċċertifika li r-riċeviment tal-konsenja sar skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 889/2008.

▼B

Id-destinatarju tal-konsenja se jżomm l-estratt taċ-ċertifikat ta' spezzjoni disponibbli għall-awtoritajiet tal-kontroll u/jew il-korpi tal-kontroll għal mhux anqas minn sentejn.

3. L-operazzjonijiet tal-preparazzjoni u tat-taqsim imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 se jsiru skond id-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fit-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u fit-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 889/2008.

▼M5

*Artikolu 15*

**Prodotti li mhumiex konformi**

1. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe miżura jew azzjoni meħuda skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u/jew skont ir-Regolament (KE) Nru 889/2008, ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni ta' prodotti li mhumiex konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 għandu jkun jiddependi fuq it-tneħħija tar-referenzi għall-produzzjoni organika mit-tikketta, mir-riklami u mid-dokumenti ta' akkumpanjament.

▼M25

Meta l-verifikazzjoni ta' konsenja minn awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru twassal biex jinstab ksur jew irregolarità li twassal għar-rifjut tal-approvazzjoni taċ-ċertifikat u tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti, dik l-awtorità għandha tavża lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan il-ksur jew b'din l-irregolarità mingħajr dewmien permezz tas-sistema TRACES.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw koordinazzjoni effettiva u effiċjenti fost l-awtoritajiet kompetenti li jkunu qed iwettqu l-kontrolli uffiċjali sabiex tiġi skambjata mingħajr dewmien l-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni ta' konsenji ta' prodotti msemmijin fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 li jkun fihom termini li jirreferu għall-metodu ta' produzzjoni organiku, iżda li ma jkunux ġew iddikjarati bħala konsenji maħsubin għall-importazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007. L-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru għandha tavża lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dawk is-sejbiet mingħajr dewmien permezz tas-sistema TRACES.

▼M5

2. ►M9 Mingħajr ħsara għal kwalunkwe miżura jew azzjoni li għandha tittieħed skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, f'każ ta' suspett ta' ksur u ta' irregolaritajiet fir-rigward tal-konformità ta' prodotti organiċi importati minn pajjiżi terzi rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew prodotti organiċi importati kkontrollati minn awtoritajiet tal-kontroll jew minn korpi tal-kontroll rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(3) ta' dak ir-Regolament mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak ir-Regolament, l-importatur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa skont l-Artikolu 91(1) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008. ◄

L-importatur u l-awtorità tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll li jkunu ħarġu ċ-ċertifikat ta' spezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament għandhom jinfurmaw minnufih lill-korpi tal-kontroll, lill-awtoritajiet tal-kontroll u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati u tal-pajjiżi terzi involuti fil-produzzjoni organika tal-prodotti kkonċernati u, fejn ikun xieraq, lill-Kummissjoni. L-awtorità

▼M5

tal-kontroll jew il-korp tal-kontroll jistgħu jeħtieġu li l-prodott ma jitqiegħedx fis-suq b'indikazzjonijiet li jsemmu l-metodu tal-produzzjoni organika sakemm ikunu ġew issodisfati, bl-informazzjoni li tkun waslet mingħand l-operatur jew minn sorsi oħrajn, li ma jkun baqa' l-ebda dubju dwar dan.

▼M9

3. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe miżura jew azzjoni li għandha tittieħed skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, fejn awtorità tal-kontroll jew korp tal-kontroll ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz ikollha suspett sostanzjat ta' ksur jew ta' irregolarità fir-rigward tal-konformità ta' prodotti organiċi importati minn pajjiżi terzi rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew prodotti organiċi importati kkontrollati minn awtoritajiet tal-kontroll jew minn korpi tal-kontroll rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(3) ta' dak ir-Regolament mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak ir-Regolament, hija għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa skont l-Artikolu 91(2) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 u għandha tgħarraf immedjatament lill-korpi tal-kontroll, lill-awtoritajiet tal-kontroll u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati u tal-pajjiżi terzi involuti fil-produzzjoni oganika tal-prodotti inkwistjoni u lill-Kummissjoni.

4. Fejn awtorità kompetenti ta' pajjiż terz rikonoxxut skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew awtorità tal-kontroll jew korp tal-kontroll rikonoxxut/a skont l-Artikolu 33 (3) ta' dak ir-Regolament, hija nnotifikata mill-Kummissjoni wara li tkun irċeviet komunikazzjoni minn Stat Membru li jinfurmaha dwar suspett sostanzjat ta' ksur jew ta' irregolarità fir-rigward tal-konformità ta' prodotti organiċi importati mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak ir-Regolament jew f'dan ir-Regolament, hija għandha tinvestiga l-oriġini tal-irregolarità jew tal-ksur suspettat/a u għandha tgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru li bagħat il-komunikazzjoni inizjali dwar ir-riżultat tal-investigazzjoni u dwar l-azzjoni meħuda. Dik l-informazzjoni għandha tintbagħat fi żmien 30 jum kalendarju mid-data ta' meta ntbagħtet in-notifika oriġinali mill-Kummissjoni.

L-Istat Membru li bagħat il-komunikazzjoni inizjali jista' jistieden lill-Kummissjoni biex titlob għal informazzjoni addizzjonali, skont il-ħtieġa, li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat. Fi kwalunkwe każ, wara li jirċievi risposta jew informazzjoni addizzjonali, l-Istat Membru li kien bagħat il-komunikazzjoni inizjali għandu jwettaq l-entrati meħtieġa u għandu jaġġorna s-sistema tal-kompjuter imsemmija fl-Artikolu 94(1) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008.

▼M25

5. L-importatur, l-ewwel destinatarju jew l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll tagħhom għandu jibgħat l-informazzjoni dwar il-ksur jew l-irregolaritajiet marbuta mal-prodotti importati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati permezz tas-sistema tal-kompjuter imsemmija fl-Artikolu 94(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 permezz tas-sistema TRACES.

▼B

## TITOLU IV

## REGOLI KOMUNI

### *Artikolu 16*

### Evalwazzjoni tat-talbiet u pubblikazzjoni tal-listi

1. Il-Kummissjoni se teżamina t-talbiet li tirċievi skond l-Artikoli 4, 8 u 11 bl-assistenza tal-Kumitat fuq il-produzzjoni organika, imsemmi fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat"). Għal dan l-iskop il-Kumitat se jaddotta regoli ta' proċedura speċifiċi interni.

▼B

Sabiex tassisti lill-Kummissjoni fl-eżaminazzjoni tat-talbiet u fil-ġestjoni u r-reviżjoni tal-listi, il-Kummissjoni se twaqqaf grupp ta' esperti li jikkonsisti minn esperti tal-gvern u privati.

2. Għal kull talba li tirċievi, u wara konsultazzjoni xierqa mal-Istati Membri skond ir-regoli speċifiċi interni tal-proċedura, il-Kummissjoni se tinnomina żewġ Stati Membri biex jaġixxu bħala ko-relaturi. Il-Kummissjoni se taqsam it-talbiet bejn l-Istati Membri f'mod proporzjonali għan-numru ta' voti ta' kull Stat Membru fil-Kumitat fuq il-produzzjoni organika. L-Istati Membri li qed jikkorelataw se jeżaminaw id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 4, 8 u 11 relatati mat-talba u se jippreparaw rapport. Għall-ġestjoni u r-reviżjoni tal-listi, dawn se jeżaminaw ir-rapport annwali u kwalunkwe informazzjoni oħra msemmija fl-Artikoli 5, 9 u 12 relatati mal-annotazzjonijiet fuq il-listi.

3. B'kunsiderazzjoni għar-riżultat tal-eżaminazzjoni mill-Istati Membri li qed jikkorelataw, il-Kummissjoni se tiddeċiedi, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, fuq ir-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi, korpi tal-kontroll jew awtoritajiet tal-kontroll, l-inklużjoni tagħhom fil-listi jew kwalunkwe modifika tal-listi, inkluż l-attribuzzjoni ta' numru ta' kodiċi lil dawk il-korpi u awtoritajiet. Id-deċiżjonijiet se jiġu ppubblikati f*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4. Il-Kummissjoni se tagħmel il-listi disponibbli għall-pubbliku permezz ta' kwalunkwe mezzi tekniċi xierqa, inkluż il-pubblikazzjoni fuq l-Internet.

*Artikolu 17*

**Komunikazzjoni**

1. Meta jkunu qed jittrasmettu dokumenti jew informazzjoni oħra msemmija fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u f'dan ir-Regolament lill-Kummissjoni jew lill-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi, l-awtoritajiet tal-kontroll jew il-korpi tal-kontroll se jużaw trasmissjoni elettronika. Meta jkunu disponibbli sistemi tat-trasmissjoni elettroniċi speċifiċi mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri, dawn se jużaw dawn is-sistemi. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri wkoll se jużaw dawn is-sistemi biex jipprovdu d-dokumenti konċernati lil xulxin.

2. Għall-forma u l-kontenut tad-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tistabbilixxi linji gwida, mudelli u kwestjonarji fejn xieraq u tagħmilhom disponibbli fuq is-sistema informatika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawn il-linji gwida, mudelli u kwestjonarji se jiġu addattati u aġġornati mill-Kummissjoni, wara li tkun informat lill-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajiiżi terzi, kif ukoll lill-awtoritajiet tal-kontroll u l-korpi tal-kontroll rikonoxxuti skond dan ir-Regolament.

▼M25

3. Is-sistema tal-kompjuter prevista fil-paragrafu 1 għandha tkun tista' tiġbor it-talbiet, id-dokumenti u l-informazzjoni msemmija f'dan ir-Regolament fejn dan ikun xieraq.

▼B

4. Id-dokumenti depożitati msemmija fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-Artikoli 4, 8 u 11, se jinżammu mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi, l-awtoritajiet tal-kontroll jew il-korpi tal-kontroll għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u l-Istati Membri għal minn ta' lanqas tliet snin wara s-sena li fiha jkun sar il-kontroll jew ġew kunsinjati ċ-ċertifikati ta' spezzjoni u l-evidenza dokumentarja.

5. Fejn dokument jew proċedura li hemm provvediment għalihom fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew fir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tagħha jeħtieġ firma ta' persuna awtorizzata jew l-awtorizzazzjoni ta' persuna f'wieħed jew aktar mill-istadji ta' dik il-proċedura, is-sistemi informatiċi li twaqqfu għall-komunikazzjoni ta' dawk id-dokumenti jridu jrendu possibbli l-identifikazzjoni ta' kull persuna mingħajr ambigwità u jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li l-kontenut tad-dokumenti, inkluż dwar l-istadji tal-proċedura, ma jistax jiġi alterat, skond il-leġislazzjoni tal-Komunità, u b'mod partikoli mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/563/KE, Euratom.

TITOLU V

## REGOLI FINALI U TRANSIZZJONALI

*Artikolu 18*

### Regoli transizzjonali fuq il-lista tal-pajjiżi terzi

Talbiet għall-inklużjoni minn pajjiżi terzi sottomessi skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 345/2008 qabel l-1 ta' Jannar 2009 se jiġu ttrattati bħala applikazzjonijiet taħt l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

▼M25

L-ewwel lista ta' pajjiżi rrikonoxxuti għandha tinkludi l-Arġentina, l-Awstralja, il-Kosta Rika, l-Indja, l-Iżrael [1], New Zealand u l-Iżvizzera. Hija m'għandux ikun fiha n-numri tal-kodiċi msemmija fl-Artikolu 7(2)(f) ta' dan ir-Regolament. Dawn in-numri tal-kodiċi se jiżdiedu qabel l-1 ta' Lulju 2010 permezz ta' aġġornament tal-lista skont l-Artikolu 17(2).

---

*Artikolu 19a*

### Regoli ta' tranżizzjoni dwar l-użu ta' ċertifikati ta' spezzjoni li ma jinħarġux permezz tas-sistema TRACES

Sad-19 ta' Ottubru 2017, iċ-ċertifikati ta' spezzjoni msemmijin fl-Artikolu 13(1)(a) u l-estratti tagħhom imsemmijin fl-Artikolu 14(2) jistgħu jinħarġu u jiġu approvati skont l-Artikolu 13(3) sa (7) mingħajr l-użu tas-sistema TRACES skont l-Artikolu 13a(1), (2) u (3) u abbażi tal-mudelli u tan-noti stabbiliti fl-Anness V jew VI.

---

(1) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, minbarra t-territorji li ilhom sa minn Ġunju tal-1967 taħt l-amministrazzjoni ta' Iżrael, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.

▼B

*Artikolu 20*

**Tħassir**

Ir-Regolamenti (KE) Nru 345/2008 u (KE) Nru 605/2008 qed jiġu mħassra.

Referenzi għar-Regolamenti mħassra se jinftehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u se jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VII.

*Artikolu 21*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Se jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament se jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament għall-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS I*

**LISTA TAL-KORPI TAL-KONTROLL U L-AWTORITAJIET TAL-KONTROLL GĦALL-ISKOP TA' KONFORMITÀ U L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET RILEVANTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3**

▼B

*ANNESS II*

**MUDELL TAL-EVIDENZA DOKUMENTARJA**

**msemmija fl-Artikolu 6(1)**

<table>
<tr><td colspan="2">Evidenza dokumentarja lill-operatur skond l-Artikoli 32(1)(c) u 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, meħtieġa għall-importazzjoni ta' prodotti konformi skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008<br><br>1. Numru tad-Dokument:</td></tr>
<tr><td>2. Isem u indirizz tal-operatur:<br><br>attività prinċipali (produttur, proċessur, importatur, eċċ):</td><td>3. Isem, indirizz u numru tal-kodiċi tal-korp/awtorità tal-kontroll:</td></tr>
<tr><td>4. Gruppi ta' prodotti/attività:<br><br>— Pjanti u prodotti tal-pjanti:<br><br>— Bhejjem u prodotti tal-bhejjem:<br><br>— Prodotti pproċessati:</td><td>5. Definiti bħala:<br><br>produzzjoni organika, prodotti li qed jiġu konvertiti, u wkoll produzzjoni mhux organika, fejn qed issir produzzjoni/proċessar parallela skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007</td></tr>
<tr><td>6. Perjodu ta' validità:<br><br>Prodotti tal-pjanti minn … sa …<br><br>Prodotti tal-bhejjem minn … sa …<br><br>Prodotti pproċessati minn … sa …</td><td>7. Data tal-kontroll(i):</td></tr>
<tr><td colspan="2">8. Dan id-dokument inħareġ skond l-Artikoli 32(1)(c) u 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. L-operatur dikjarat issottometta l-attivitajiet tiegħu taħt il-kontroll, u ssodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti msemmija.<br><br>Data, post:<br><br>Firma f'isem tal-korp/awtorità li qed joħroġ iċ-ċertifikat:</td></tr>
</table>

▼M7

*ANNESS III*

## LISTA TA’ PAJJIŻI TERZI U L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET RILEVANTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 7

▼M25

*Nota:* Skont l-Artikolu 17(1)(f) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, l-annimali u l-prodotti tal-annimali prodotti matul il-perjodu ta' konverżjoni ma għandhomx ikunu kkummerċjalizzati fl-Unjoni bl-indikazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 23 u 24 ta' dak ir-Regolament użati fit-tikkettar u r-reklamar tal-prodotti. Għalhekk dawn il-prodotti wkoll huma esklużi mir-rikonoxximent għall-kategoriji tal-prodotti B u D għall-pajjiżi terzi kollha elenkati f'dan l-Anness.

▼M7

L-ARĠENTINA

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

| Kategorija tal-prodotti | Deżinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV | Limitazzjonijiet |
|---|---|---|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati | A | |
| Annimali ħajjin jew prodotti tal-annimali mhux ipproċessati | B | ►M25 ————— ◄ |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (1) | D | ►M25 ————— ◄ |
| Materjal tal-propagazzjoni veġettattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni. | F | |

►M25 ————— ◄

(1) L-inbid, il-ħmira mhux inklużi.

▼M25

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategoriji A, B u F li tkabbru fl-Arġentina u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fl-Arġentina b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fl-Arġentina.

▼M7

3. **Standard tal-produzzjoni:** Ley 25 127 sobre “Producción ecológica, biológica y orgánica”.
4. **Awtorità kompetenti:** Servicio Nacional de Sanidad y Calidad Agroalimentaria SENASA, www.senasa.gov.ar.
5. **Korpi tal-kontroll:**

| Numru tal-kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| AR-BIO-001 | Food Safety SA | www.foodsafety.com.ar |
| AR-BIO-002 | Instituto Argentino para la Certificación y Promoción de Productos Agropecuarios Orgánicos SA (Argencert), | www.argencert.com |
| AR-BIO-003 | Letis SA | ►M21 www.letis.org ◄ |
| AR-BIO-004 | Organización Internacional Agropecuaria (OIA), | www.oia.com.ar |

▼M7

6. **Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.
7. **Tul taż-żmien tal-inklużjoni:** mhux speċifikat.

L-AWSTRALJA

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

| Kategorija tal-prodotti | Deżinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV | Limitazzjonijiet |
|---|---|---|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati | A | |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (1) | D | komposti essenzjalment minn ingredjent wieħed jew aktar li joriġinaw mill-pjanti |
| Materjal tal-propagazzjoni veġettattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni. | F | |

►M25 ———— ◄

(1) L-inbid, il-ħmira mhux inklużi.

▼M25

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru fl-Awstralja u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fl-Awstralja b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fl-Awstralja.

▼M7

3. **Standard tal-produzzjoni:** Standard nazzjonali għal prodotti organiċi u bijodinamiċi.

▼M32

4. **Awtorità kompetenti:** Department of Agriculture and Water Resources,

▼M33

http://www.agriculture.gov.au/

▼M7

5. **Korpi tal-kontroll:**

| Numru tal-kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| ▼M33 | | |
| AU-BIO-001 | ACO Certification Ltd | www.aco.net.au |
| ▼M21 | | |
| ———— | | |
| ▼M7 | | |
| AU-BIO-003 | Bio-dynamic Research Institute (BDRI) | www.demeter.org.au |
| ▼M33 | | |
| AU-BIO-004 | NASAA Certified Organic | www.nasaa.com.au |
| ▼M7 | | |
| AU-BIO-005 | Organic Food Chain Pty Ltd (OFC) | www.organicfoodchain.com.au |
| AU-BIO-006 | AUS-QUAL Pty Ltd | www.ausqual.com.au |

6. **Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.
7. **Tul taż-żmien tal-inklużjoni:** mhux speċifikat.

▼M7

IL-KANADA

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

| Kategorija tal-prodotti | Deżinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV | Limitazzjonijiet |
|---|---|---|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati | A | |
| Annimali ħajjin jew prodotti tal-annimali mhux ipproċessati | B | |
| Prodotti agrikoli ppročessati biex jintużaw bħala ikel ►M22 ———— ◄ | D | |
| Prodotti agrikoli ppročessati biex jintużaw bħala għalf | E | |
| Materjal tal-propagazzjoni veġettattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni. | F | |
| ►M22 ———— ◄ | | |

▼M22

2. **Oriġini:** il-prodotti tal-kategorija A, B u F li tkabbru fil-Kanada u l-prodotti tal-kategorija D u E ppročessati fil-Kanada b'ingredjenti mkabbra organikament fil-Kanada jew li ġew importati lejn il-Kanada skont il-leġiżlazzjoni Kanadiża.

▼M7

3. **Standard tal-produzzjoni:** Regolament tal-Prodotti Organiċi.
4. **Awtorità kompetenti:** Canadian Food Inspection Agency (CFIA), www.inspection.gc.ca
5. **Korpi tal-kontroll:**

| Numru tal-kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| ▼M24 ———— | | |
| ▼M11 CA-ORG-002 | British Columbia Association for Regenerative Agriculture BCARA) | www.certifiedorganic.bc.ca |
| ▼M7 CA-ORG-003 | CCOF Certification Services | www.ccof.org |
| CA-ORG-004 | Centre for Systems Integration (CSI) | www.csi-ics.com |
| CA-ORG-005 | Consorzio per il Controllo dei Prodotti Biologici Società a responsabilità limitata (CCPB SRL) | www.ccpb.it |
| CA-ORG-006 | Ecocert Kanada | www.ecocertcanada.com |
| CA-ORG-007 | Fraser Valley Organic Producers Association (FVOPA) | www.fvopa.ca |
| CA-ORG-008 | Global Organic Alliance | www.goa-online.org |

▼M7

| Numru tal-kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| CA-ORG-009 | International Certification Services Incorporated (ICS) | www.ics-intl.com |
| CA-ORG-010 | LETIS SA | www.letis.com.ar |
| ▼M32 CA-ORG-011 | Oregon Tilth Incorporated (OTCO) | http://www.tilth.org |
| ___________ | | |
| ▼M7 CA-ORG-013 | Organic Crop Improvement Association (OCIA) | www.ocia.org |
| CA-ORG-014 | Organic Producers Association of Manitoba Cooperative Incorporated (OPAM) | www.opam-mb.com |
| CA-ORG-015 | Pacific Agricultural Certification Society (PACS) | www.pacscertifiedorganic.ca |
| CA-ORG-016 | Pro-Cert Organic Systems Ltd (Pro-Cert) | www.ocpro.ca |
| CA-ORG-017 | Quality Assurance International Incorporated (QAI) | www.qai-inc.com |
| CA-ORG-018 | Quality Certification Services (QCS) | www.qcsinfo.org |
| CA-ORG-019 | Organisme de Certification Québec Vrai (OCQV) | www.quebecvrai.org |
| ▼M21 ___________ | | |
| ▼M32 CA-ORG-021 | TransCanada Organic Certification Services (TCO Cert) | http://www.tcocert.ca/contacts/ |

▼M7

6. **Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.

▼M15

7. **It-tul taż-żmien tal-inklużjoni:** mhux speċifikat.

▼M31

IĊ-ĊILÌ

1. Kategoriji tal-prodotti:

| Kategorija tal-prodotti jew prodotti | Deżinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV | Limitazzjonijiet |
|---|---|---|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati | A | Prodotti mniżżlin f'dan il-Ftehim biss |
| Għasel | | Prodotti mniżżlin f'dan il-Ftehim biss |
| Prodotti tal-pjanti pproċessati biex jintużaw bħala ikel | D | Prodotti mniżżlin f'dan il-Ftehim biss |
| Materjal tal-propagazzjoni veġetattiva u żerriegħ għall-kultivazzjoni | F | Prodotti mniżżlin f'dan il-Ftehim biss |

▼M31

2. Oriġini: ingredjenti mkabbra organikament fil-prodotti tal-kategoriji A u D li tkabbru fiċ-Ċilì jew li ġew importati lejn iċ-Ċilì:

— jew mill-Unjoni,

— jew minn pajjiż terz fil-qafas ta' skema li hija rrikonoxxuta bħala skema ekwivalenti mill-Unjoni skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

3. Standards tal-produzzjoni: Il-Liġi 20.089 tas-17 ta' Jannar 2006, li `toħloq sistema ta' ċertifikazzjoni nazzjonali għall-prodotti organiċi agrikoli.

4. Awtorità kompetenti: Servicio Agricola y Ganadero (SAG), il-Ministeru għall-Agrikoltura. http://www.sag.cl/ambitos-de-accion/certificacion-de-productos-organicos

5. Korpi tal-kontroll:

| Numru tal-Kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| CL-BIO-001 | Ecocert Chile S.A. | www.ecocert.cl |
| ▼M33 ————— | | |
| ▼M31 CL-BIO-005 | CERES - Certification of Environmental Standards GmbH | http://www.ceres-cert.com/ |
| ▼M33 CL-BIO-010 | BIO CERTIFICADORA SERVICIOS LIMITADA O BIOAUDITA | https://www.bioaudita.cl |

▼M31

6. Korpi u awtoritajiet għall-ħruġ taċ-ċertifikati: bħal fil-punt 5.

7. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sal-31 ta' Diċembru 2020.

▼M7

IL-KOSTA RIKA

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

| Kategorija tal-prodotti | Deżinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV | Limitazzjonijiet |
|---|---|---|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati | A | |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel [1] | D | ►M25 Prodotti tal-pjanti pproċessati biss ◄ |
| Materjal tal-propagazzjoni veġettattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni. | F | |

►M25 ————— ◄

[1] L-inbid, il-ħmira mhux inklużi.

▼M25

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru fil-Kosta Rika u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fil-Kosta Rika b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fil-Kosta Rika.

▼M7

3. **Standard tal-produzzjoni:** Reglamento sobre la agricultura orgánica.

▼M11

4. **Awtorità kompetenti:** Servicio Fitosanitario del Estado, Ministerio de Agricultura y Ganadería, www.sfe.go.cr.

▼M7

5. **Korpi tal-kontroll:**

| Numru tal-kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| ▼M30 ___________ | | |
| CR-BIO-002 | Kiwa BCS Costa Rica Limitada | www.kiwa.lat |
| ▼M7 CR-BIO-003 | Eco-LOGICA | www.eco-logica.com |
| ▼M30 CR-BIO-004 | Control Union Perú | www.cuperu.com |
| CR-BIO-006 | PrimusLabs.com CR S.A. | www.primusauditingops.com |
| ▼M31 CR-BIO-007 | Primus Auditing Operations de Costa Rica S.A | www.primusauditingops.com |

▼M30

6. **Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.

▼M7

7. **Tul taż-żmien tal-inklużjoni:** mhux speċifikat.

▼M9

L-INDJA

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

| Kategorija tal-prodotti | Deżinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV | Limitazzjonijiet |
|---|---|---|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati | A | |
| Materjal tal-propagazzjoni veġettattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni | F | |
| ▼M25 ___________ | | |

▼M9

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategorija A u F li tkabbru fl-Indja.

▼M7

3. **Standard tal-produzzjoni:** National Programme for Organic Production.

▼M32

4. *Awtorità kompetenti:* Agricultural and Processed Food Products Export Development Authority APEDA, http://www.apeda.gov.in/apedawebsite/index.asp.

▼M7

5. **Korpi tal-kontroll:**

| Numru tal-kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| IN-ORG-001 | Aditi Organic Certifications Pvt. Ltd | www.aditicert.net |
| IN-ORG-002 | APOF Organic Certification Agency (AOCA) | www.aoca.in |

▼M7

| Numru tal-kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| IN-ORG-003 | Bureau Veritas Certification India Pvt. Ltd | www.bureauveritas.co.in |
| IN-ORG-004 | Control Union Certifications | www.controlunion.com |
| IN-ORG-005 | ECOCERT India Private Limited | www.ecocert.in |
| IN-ORG-006 | Food Cert India Pvt. Ltd | www.foodcert.in |
| ▼M24 | | |
| IN-ORG-007 | IMO Control Private Limited | www.imocontrol.in |
| ▼M7 | | |
| IN-ORG-008 | Indian Organic Certification Agency (Indocert) | www.indocert.org |
| ▼M11 | | |
| IN-ORG-009 | ISCOP (Indian Society for Certification of Organic products) | www.iscoporganiccertification.org |
| ▼M7 | | |
| IN-ORG-010 | Lacon Quality Certification Pvt. Ltd | www.laconindia.com |
| ▼M15 | | |
| IN-ORG-011 | Natural Organic Certification Agro Pvt. Ltd | www.nocaagro.com |
| ▼M7 | | |
| IN-ORG-012 | OneCert Asia Agri Certification private Limited | www.onecertasia.in |
| ▼M24 | | |
| IN-ORG-013 | SGS India Pvt. Ltd | www.sgsgroup.in |
| ▼M15 | | |
| __________ | | |
| ▼M7 | | |
| IN-ORG-014 | Uttarakhand State Organic Certification Agency | www.organicuttarakhand.org/certification.html |
| IN-ORG-015 | Vedic Organic certification Agency | www.vediccertification.com |
| ▼M11 | | |
| IN-ORG-016 | Rajasthan Organic Certification Agency (ROCA) | www.krishi.rajasthan.gov.in |
| ▼M7 | | |
| IN-ORG-017 | Chhattisgarh Certification Society (CGCERT) | www.cgcert.com |
| IN-ORG-018 | Tamil Nadu Organic Certification Department (TNOCD) | www.tnocd.net |
| ▼M21 | | |
| __________ | | |
| ▼M7 | | |
| IN-ORG-020 | Intertek India Pvt. Ltd | www.intertek.com |

▼M7

| Numru tal-kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| ▼M11 | | |
| IN-ORG-021 | Madhya Pradesh State Organic Certification Agency (MPSOCA) | www.mpkrishi.org |
| ▼M21 | | |
| __________ | | |
| ▼M15 | | |
| IN-ORG-023 | Faircert Certification Services Pvt Ltd | www.faircert.com |
| ▼M21 | | |
| IN-ORG-024 | Odisha State Organic Certification Agency | www.ossopca.nic.in |
| IN-ORG-025 | Gujarat Organic Products Certification Agency | www.gopca.in |
| IN-ORG-026 | Uttar Pradesh State Organic Certification Agency | www.upsoca.org |

▼M7

6. **Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.
7. **Tul taż-żmien tal-inklużjoni:** mhux speċifikat.

L-IŻRAEL

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

| Kategorija tal-prodotti | Deżinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV | Limitazzjonijiet |
|---|---|---|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati | A | |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (1) | D | komposti essenzjalment minn ingredjent wieħed jew aktar li joriġinaw mill-pjanti |
| Materjal tal-propagazzjoni veġettattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni. | F | |

►M25 —————— ◄

(1) L-inbid, ħmira mhux inklużi.

▼M25

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategorji A u F li tkabbru fl-Iżrael u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fl-Iżrael b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fl-Iżrael jew li ġew importati fl-Iżrael:
   — jew mill-Unjoni,
   — jew minn pajjiż terz fil-qafas ta' skema li hija rrikonoxxuta bħala skema ekwivalenti skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.

▼M17

3. **Standard tal-produzzjoni:** Liġi li Tirregola l-Prodotti Organiċi, 5765-2005, u r-Regolamenti rilevanti tagħha.

▼M7

4. **Awtorità kompetenti:** Plant Protection and Inspection Services (PPIS), www.ppis.moag.gov.il
5. **Korpi tal-kontroll:**

| Numru tal-kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| IL-ORG-001 | Secal Israel Inspection and certification | www.skal.co.il |
| IL-ORG-002 | Agrior Ltd.-Organic Inspection & Certification | www.agrior.co.il |
| IL-ORG-003 | IQC Institute of Quality & Control | www.iqc.co.il |
| IL-ORG-004 | Plant Protection and Inspection Services (PPIS) | www.ppis.moag.gov.il |
| ▼M17 ——— | | |

▼M7

6. **Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.
7. **Tul taż-żmien tal-inklużjoni:** mhux speċifikat.

IL-ĠAPPUN

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

| Kategorija tal-prodotti | Deżinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV | Limitazzjonijiet |
|---|---|---|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati | A | |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel ([1]) | D | komposti essenzjalment minn ingredjent wieħed jew aktar li joriġinaw mill-pjanti |
| Materjal tal-propagazzjoni veġettattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni. | F | |

►M25 ——— ◄

([1]) L-inbid mhux inkluż.

▼M25

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru fil-Ġappun u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fil-Ġappun b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fil-Ġappun jew li ġew importati fil-Ġappun:
   - jew mill-Unjoni,
   - jew minn pajjiż terz li għalih il-Ġappun irrikonoxxa li l-prodotti ġew prodotti u kkontrollati f'dak il-pajjiż terz skont regoli li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ġappuniża.

▼M7

3. **Standards tal-produzzjoni:** Japanese Agricultural Standard for Organic Plants (Notifika Nru. 1605 tal-MAFF tas-27 ta' Ottubru 2005), Japanese Agricultural Standard for Organic Processed Foods (Notifika Nru. 1606 tal-MAFF tas-27 ta' Ottubru, 2005).

▼M21

4. **Awtoritajiet kompetenti:** Food Manufacture Affairs Division, Food Industry Affairs Bureau, Ministry of Agriculture, Forestry and Fisheries, www.maff.go.jp/j/jas/index.html u Food and Agricultural Materials Inspection Center (FAMIC), www.famic.go.jp

▼M7

5. **Korpi tal-kontroll:**

| Numru tal-kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| ▼M30 | | |
| JP-BIO-001 | Hyogo prefectural Organic Agriculture Society, HOAS | www.hyoyuken.org |
| ▼M7 | | |
| JP-BIO-002 | AFAS Certification Center Co., Ltd. | www.afasseq.com |
| JP-BIO-003 | NPO Kagoshima Organic Agriculture Association | www.koaa.or.jp |
| JP-BIO-004 | Center of Japan Organic Farmers Group | www.yu-ki.or.jp |
| ▼M11 | | |
| JP-BIO-005 | Japan Organic & Natural Foods Association | http://jona-japan.org/english/ |
| ▼M15 | | |
| JP-BIO-006 | Ecocert Japan Limited. | www.ecocert.co.jp |
| ▼M30 | | |
| JP-BIO-007 | Bureau Veritas Japan Co., Ltd | http://certification.bureauveritas.jp/cer-business/jas/nintei_list.html |
| ▼M7 | | |
| JP-BIO-008 | OCIA Japan | www.ocia-jp.com |
| ▼M19 | | |
| JP-BIO-009 | Overseas Merchandise Inspection- Co., Ltd | http://www.omicnet.com/omicnet/services-en/organic-certification-en.html |
| JP-BIO-010 | Organic Farming Promotion Association | http://yusuikyo.web.fc2.com/ |
| ▼M7 | | |
| JP-BIO-011 | ASAC Stands for Axis' System for Auditing and Certification and Association for Sustainable Agricultural Certification | www.axis-asac.net |
| JP-BIO-012 | Environmentally Friendly Rice Network | www.epfnetwork.org/okome |
| JP-BIO-013 | Ooita Prefecture Organic Agricultural Research Center | www.d-b.ne.jp/oitayuki |
| JP-BIO-014 | AINOU | www.ainou.or.jp/ainohtm/disclosure/nintei-kouhyou.htm |
| JP-BIO-015 | SGS Japan Incorporation | www.jp.sgs.com/ja/home_jp_v2.htm |
| JP-BIO-016 | Ehime Organic Agricultural Association | www12.ocn.ne.jp/~aiyuken/ninntei20110201.html |
| JP-BIO-017 | Center for Eco-design Certification Co. Ltd | http://www.eco-de.co.jp/list.html |
| ▼M30 | | |
| JP-BIO-018 | Organic Certification Association | http://yuukinin.org/index.html |
| ▼M32 | | |
| __________ | | |

▼M7

| Numru tal-kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| JP-BIO-020 | Hiroshima Environment and Health Association | www.kanhokyo.or.jp/jigyo/jigyo_05A.html |
| JP-BIO-021 | Assistant Center of Certification and Inspection for Sustainability | www.accis.jp |
| JP-BIO-022 | Organic Certification Organization Co. Ltd | www.oco45.net |
| ▼M15 | | |
| JP-BIO-023 | Rice Research Organic Food Institute | www.inasaku.or.tv |
| ▼M7 | | |
| JP-BIO-024 | Aya town miyazaki, Japan | http://www.town.aya.miyazaki.jp/ayatown/organicfarming/index.html |
| JP-BIO-025 | Tokushima Organic Certified Association | http://www.tokukaigi.or.jp/yuuki/ |
| JP-BIO-026 | Association of Certified Organic Hokkaido | http://www.acohorg.org/ |
| ▼M12 | | |
| JP-BIO-027 | NPO Kumamoto Organic Agriculture Association | http://www.kumayuken.org/jas/certification/index.html |
| JP-BIO-028 | Hokkaido Organic Promoters Association | http://www.hosk.jp/CCP.html |
| JP-BIO-029 | Association of organic agriculture certification Kochi corporation NPO | http://www8.ocn.ne.jp/~koaa/jisseki.html |
| JP-BIO-030 | LIFE Co., Ltd. | http://www.life-silver.com/jas/ |
| ▼M15 | | |
| JP-BIO-031 | Wakayama Organic Certified Association | www.vaw.ne.jp/aso/woca |
| JP-BIO-032 | Shimane Organic Agriculture Association | www.shimane-yuki.or.jp/index.html |
| ▼M32 | | |
| ————— | | |
| ▼M15 | | |
| JP-BIO-034 | International Nature Farming Researech Center | www.infrc.or.jp |
| JP-BIO-035 | Organic Certification Center | www.organic-cert.or.jp |
| ▼M30 | | |
| JP-BIO-036 | Japan Food Research Laboratories | http://www.jfrl.or.jp/jas.html |
| JP-BIO-037 | Leafearth Company | http://www.leafearth.jp |
| ▼M34 | | |
| JP-BIO-038 | Akatonbo | http://www.akatonbo.or.jp/ |

▼M7

6. **Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.

▼M12

7. **Tul taż-żmien tal-inklużjoni:** mhux speċifikat.

▼M7

L-ISVIZZERA

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

| Kategorija tal-prodotti | Deżinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV | Limitazzjonijiet |
|---|---|---|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati | A | Bl-eċċezzjoni tal-prodotti mkabbra matul il-perjodu tal-konverżjoni |
| Annimali ħajjin u prodotti tal-annimali mhux proċessati | B | ►M25 ——— ◄ |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel | D | Bl-eċċezzjoni ta' prodotti li fihom ingredjent ta' oriġini agrikola prodott matul il-perjodu tal-konverżjoni |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala għalf | E | Bl-eċċezzjoni ta' prodotti li fihom ingredjent ta' oriġini agrikola prodott matul il-perjodu tal-konverżjoni |
| Materjal tal-propagazzjoni veġettattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni. | F | |
| ►M25 ——— ◄<br>►M16 ——— ◄ | | |

▼M25

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru fl-Iżvizzera u prodotti tal-kategoriji D u E pproċessati fl-Iżvizzera b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fl-Iżvizzera jew li ġew importati fl-Iżvizzera:
   - jew mill-Unjoni,
   - jew minn pajjiż terz li għalih l-Iżvizzera rrikonoxxiet li l-prodotti ġew prodotti u kkontrollati f'dak il-pajjiż terz skont regoli li huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Żvizzera.

▼M7

3. **Standard tal-produzzjoni:** Ordinanza dwar l-agrikoltura organika u l-ittikkettar tal-prodotti tal-pjanti u oġġetti tal-ikel prodotti organikament.
4. **Awtorità kompetenti:** Federal Office for Agriculture FOAG, Federal Office for Agriculture FOAG, http://www.blw.admin.ch/themen/00013/00085/00092/index.html?lang=en.
5. **Korpi tal-kontroll:**

| Numru tal-kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| ▼M32 | | |
| CH-BIO-004 | Ecocert IMOswiss AG | http://www.ecocert-imo.ch |
| ▼M7 | | |
| CH-BIO-006 | bio.inspecta AG | www.bio-inspecta.ch |
| ▼M31 | | |
| CH-BIO-038 | ProCert AG | https://www.procert.ch/ |
| ▼M7 | | |
| CH-BIO-086 | Bio Test Agro (BTA) | www.bio-test-agro.ch |

6. **Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.
7. **Tul taż-żmien tal-inklużjoni:** mhux speċifikat.

▼M7

IT-TUNEŻIJA

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

| Kategorija tal-prodotti | Deżinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV | Limitazzjonijiet |
|---|---|---|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati | A | |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel ([1]) | D | komposti essenzjalment minn ingredjent wieħed jew aktar li joriġinaw mill-pjanti |
| Materjal tal-propagazzjoni veġettattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni. | F | |

►M25 ——————— ◄

([1]) L-inbid, il-ħmira mhux inklużi.

▼M25

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategoriji A u F li tkabbru fit-Tuneżija u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fit-Tuneżija b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fit-Tuneżija.

▼M7

3. **Standards tal-produzzjoni:** Law No 99-30 of 5 April 1999 relating to Organic farming; id-Digriet tal-Ministru tal-Agrikoltura tat-28 ta' Frar 2001, li japprova l-ispeċifikazzjonijiet standard tal-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' skont il-metodu organiku.

▼M31

4. **Awtorità kompetenti:** Ministère de l'Agriculture, des Ressources Hydrauliques et de la Pêche, www.agriculture.tn u www.onagri.tn.

5. **Korpi tal-kontroll:**

| | | |
|---|---|---|
| TN-BIO-001 | Ecocert SA | www.ecocert.com |
| TN-BIO-007 | Institut national de la normalisation et de la propriété industrielle (INNORPI) | www.innorpi.tn |
| TN-BIO-008 | CCPB Srl | www.ccpb.it |
| TN-BIO-009 | CERES GmbH | www.ceres-cert.com |
| TN-BIO-010 | Kiwa BCS Öko-Garantie GmbH | www.kiwabcs.com |

▼M7

6. **Korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** bħal fil-punt 5.

▼M19

7. **It-tul taż-żmien tal-inklużjoni:** mhux speċifikat.

▼M7

L-ISTATI UNITI

1. **Kategoriji tal-prodotti:**

| Kategorija tal-prodotti | Deżinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV | Limitazzjonijiet |
|---|---|---|
| Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati | A | ►M25 ——————— ◄ |

▼M7

| Kategorija tal-prodotti | Deżinjazzjoni tal-kategorija skont l-Anness IV | Limitazzjonijiet |
|---|---|---|
| Annimali ħajjin jew prodotti tal-annimali mhux ipproċessati | B | |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel [1] | D | ►M25 ——— ◄ |
| Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala għalf | E | |
| Materjal tal-propagazzjoni veġettattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni. | F | |

([1]) L-inbid inkluż mill-1 ta' Awwissu 2012

▼M12

2. **Oriġini:** prodotti tal-kategoriji A, B u F u l-ingredjenti mkabbrin organikament fil-prodotti tal-kategoriji D u E li:

— tkabbru fl-Istati Uniti, jew

— li ġew importati lejn l-Istati Uniti u ġew ipproċessati jew ippakkjati fl-Istati Uniti skont il-leġiżlazzjoni tal-Istati Uniti.

▼M7

3. **Standards tal-produzzjoni:** Organic Foods Production Act of 1990 (7 U.S.C. 6501 et seq.), National Organic Program (7 CFR 205).

4. **Awtorità kompetenti:** United States Department of Agriculture (USDA), Agricultural Marketing Service (AMS), www.usda.gov

5. **Korpi tal-kontroll:**

| Numru tal-kodiċi | Isem | Indirizz tal-Internet |
|---|---|---|
| US-ORG-001 | A Bee Organic | www.abeeorganic.com |
| US-ORG-002 | Agricultural Services Certified Organic | www.ascorganic.com/ |
